ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 189

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

26 ta' Lulju 2008

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2008/C 189/01 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] 1

2008/C 189/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5184 — Arcapita/Freightliner) [1] 5

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Parlament Ewropew

2008/C 189/03 Konferenza tal-Kumitati għall-Komunità u għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti ta' l-Unjoni Ewropea (COSAC) — Kontribuzzjoni adottata mill-XXXIX COSAC — Brdo pri Kranju, 7-8 ta' Mejju 2008 6

Kummissjoni

2008/C 189/04 Rata tal-kambju ta' l-euro 9

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2008/C 189/05 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali [1] 10

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Kummissjoni

2008/C 189/06 Avviż ta' l-iskadenza viċina ta' ċerti miżuri ta' kontrobilanċ fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' friex tassodda li joriġina mill-Indja 12

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Kummissjoni

2008/C 189/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5229 — OMV/Lehman/Met/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] 13

2008/C 189/08 Għajnuna mill-Istat — Franza (L-Artikoli 87 sa 89 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea) — Avviż tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE — Irtirar ta' notifika — Għajnuna mill-Istat C 51/07 (ex N 530/07) — L-għajnuna ta' l-Aġenzija dwar l-Innovazzjoni Industrijali favur il-programm VHD [1] 14

ATTI OĦRAJN

Kummissjoni

2008/C 189/09 Avviż dwar talba skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE — Estensjoni tad-data ta' l-għeluq — Talba minn Stat Membru 15

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 189/01)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	20.5.2008
Għajnuna Nru	N 598/06
Stat Membru	Spanja
Reġjun	Andalucía
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ayudas de finalidad regional a la inversión y al empleo ligado a la inversión, ayudas en favor de las PYMES para consultaría e incentivos a la creación de pequeñas empresas y a la fase inicial de desarrollo de las pequeñas empresas por la Administración de la Junta de Andalucía en el 2007, 2008 y 2009
Il-bażi legali	Decreto nº 21/2007 de 30 de enero, por el que se establece el marco regulador de las ayudas de finalidad regional y en favor de las pequeñas y medianas empresas (PYMES) que se concedan por la Administración de la Junta de Andalucía en los años 2007, 2008 y 2009
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali, Impriżi ta' daqs żgħir u medju, Impjiegi
Il-forma ta' l-għajnuna	Għotja diretta, Sussidju fuq l-imgħax, Self b'rata ta' imgħax baxxa
L-Estimi	Baġit globali: EUR 888 miljun
L-intensità	40 %, 50 %, 60 %
It-tul ta' żmien	2008-31.12.2009
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Junta de Andalucía Consejería de la Presidencia Plaza de la Contratación nº 3 E-41071 Sevilla
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	7.5.2008
Għajnuna Nru	N 741/07
Stat Membru	Spanja
Reġjun	Canarias
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Modificación del régimen de ayudas de Estado N 376/06 — Zona Especial Canaria (ZEC)
Il-bażi legali	Propuesta de disposición transitoria del Borrador del Proyecto de Real Decreto por el que se aprueba el Reglamento de Desarrollo de la Ley nº 19/94 de 6 de julio, de modificación del Régimen Económico y Fiscal de Canarias, en materia de incentivos fiscales en la imposición indirecta, la reserva para inversiones en Canarias y la Zona Especial Canaria. Real Decreto-Ley nº 12/2006, de 29 de diciembre, por el que se modifican la Ley nº 19/1994, de 6 de julio, de modificación del Régimen Económico y Fiscal de Canarias, y el Real Decreto-Ley nº 2/2000, de 23 de junio
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali
Il-forma ta' l-għajnuna	Vantaġġ fiskali
L-Estimi	Baġit annwali: EUR 20,8 miljun Baġit globali: EUR 104 miljun
L-intensità	40 %
It-tul ta' żmien	1.1.2009-31.12.2013
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministerio de Economía y Hacienda C/ Alcalá nº 9 E-28071 Madrid Consejería de Economía y Hacienda del Gobierno de Canarias Avda. José Manuel Guimerá nº 10 E-38071 Santa Cruz de Tenerife
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	16.4.2008
Għajnuna Nru	NN 22/08
Stat Membru	Spanja
Reġjun	Canarias
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Arbitrio sobre las Importaciones y Entregas de Mercancías en las Islas Canarias (AIEM)

Il-bażi legali	Council Decision of 20 June 2002 on the AIEM tax applicable in the Canary Islands Ley nº 20/1991, de 7 de junio, de modificación de los aspectos fiscales del Régimen Económico y Fiscal de Canarias Ley nº 24/2001, de 27 de diciembre, de Medidas Fiscales, Administrativas y del Orden Social Ley nº 38/2003, de 17 de noviembre, General de Subvenciones
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali
Il-forma ta' l-għajnuna	Vantaġġ fiskali
L-Estimi	Baġit annwali: EUR 104 miljun Baġit globali: EUR 520 miljun
L-intensità	40 %
It-tul ta' żmien	1.1.2007-31.12.2011
Setturi ekonomiċi	L-industrija tal-manifattura, L-industrija kimika u farmaċewtika, L-Agrikoltura
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Consejería de Economía y Hacienda del Gobierno de Canarias Avda. José Manuel Guimerá nº 10 E-38071 Santa Cruz de Tenerife
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	30.4.2008
Għajnuna Nru	NN 25/08
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Nordrhein-Westfalen
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Risikoabschirmung WestLB
Il-bażi legali	—
It-tip tal-miżura	Għajnuna individwali
L-għan	Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà
Il-forma ta' l-għajnuna	Garanzija
L-Estimi	Baġit globali: EUR 5 000 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	8.2.2008-8.8.2008

Setturi ekonomiċi	L-intermedjazzjoni finanzjarja
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Land Nordrhein-Westfalen Stadttor 1 D-40219 Düsseldorf
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	2.7.2008
Għajnuna Nru	N 103/08
Stat Membru	Ir-Rumanija
Reġjun	NUTS II
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Schema de ajutor de stat privind dezvoltarea regională prin stimularea investiţiilor
Il-bażi legali	Proiectul de Hotărâre de Guvern privind dezvoltarea regională prin stimularea investiţiilor
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali, Impjiegi
Il-forma ta' l-għajnuna	Għotja diretta
L-Estimi	Baġit globali: RON 2 070 miljun
L-intensità	50 %
It-tul ta' żmien	31.12.2012
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministerul Economiei şi Finanţelor Strada Apolodor nr. 17, sector 5 Bucureşti, România
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5184 — Arcapita/Freightliner)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 189/02)

Fit-18 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5184. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

PARLAMENT EWROPEW

Konferenza tal-Kumitati għall-Komunità u għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti ta' l-Unjoni Ewropea (COSAC)

Kontribuzzjoni adottata mill-XXXIX COSAC

Brdo pri Kranju, 7-8 ta' Mejju 2008

(2008/C 189/03)

1. Ir-rwol tal-Parlamenti wara t-Trattat ta' Liżbona

1.1. Il-COSAC tilqa' b'merħba l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona u r-ratifikazzjoni tiegħu minn tlettax-il Stat Membru ([1]) u titlob lill-parlamenti u liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħrajn biex jirratifikaw it-Trattat.

1.2. Il-COSAC tilqa' b'merħba r-rwol imsaħħaħ tal-parlamenti nazzjonali kif stipulat fit-Trattat ta' Liżbona, li jippermettilhom li jinvolvu ruħhom aħjar fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE. Il-COSAC tinnota li hija r-responsabbiltà tal-parlamenti nazzjonali li jiżviluppaw mekkaniżmi sabiex jagħmlu użu mid-drittijiet estiżi tagħhom.

1.3. Fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-Parlament Ewropew, il-COSAC tesprimi rispett għall-ħidma tiegħu mmirata għall-involviment dirett taċ-ċittadini ta' l-Ewropa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE. Barra minn hekk, il-COSAC temmen li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona li jtejjebu r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala ko-leġiżlatur ser jikkontribwixxu għal leġittimità akbar tad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell ta' l-UE.

1.4. Il-COSAC tqis li jekk id-drittijiet ġodda tal-parlamenti nazzjonali kif previsti fit-Trattat ta' Liżbona jridu jiġu eżerċitati, il-COSAC innifisha, u kif ukoll l-IPEX u r-rappreżentanti permanenti tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea, jistgħu ikollhom rwol importanti fid-djalogu bejn il-parlamenti nazzjonali. Dan jeħtieġ ukoll il-kooperazzjoni sħiħa ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

1.5. Il-COSAC tinkoraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew sabiex jintroduċu u jippromwovu l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan li jgħarrfu liċ-ċittadini dwar id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona.

2. Kooperazzjoni ma' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea

2.1. Il-mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Kummissjoni tittrasmetti d-dokumenti ta' konsultazzjoni u l-proposti ġodda kollha direttament lill-parlamenti nazzjonali huwa meqjus bħala pożittiv. Barra minn hekk, dan il-mekkaniżmu kkontribwixxa għall-monitoraġġ ta' l-affarijiet ta' l-UE mill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Sat-8 ta' Mejju 2008.

2.2. Il-COSAC tirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tirrispondi għar-reazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali. Madankollu, il-COSAC tinkoraġġixxi lill-Kummissjoni — b'konformità mal-XXXVII COSAC f'Berlin u l-XXXVIII COSAC f'Estoril — sabiex tipprovdi lill-parlamenti nazzjonali b'evalwazzjoni tal-miżuri li għandha fis-seħħ bħalissa, jew li tippjana li ddaħħal fis-seħħ, ħalli tqis dawn ir-reazzjonijiet fil-formulazzjoni tal-politika u fil-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma annwali tagħha.

2.3. Il-COSAC tistieden lill-Kummissjoni:

(a) sabiex tipprovdi lill-parlamenti nazzjonali direttament b'informazzjoni dwar il-kontenut u d-data eżatta tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti ta' konsultazzjoni u proposti ġodda li ser tippubblika;

(b) sabiex tipprovdi t-tweġibiet tagħha għar-reazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali mhux biss lil dawk il-parlamenti nazzjonali li bagħtu r-reazzjonijiet, lil-Parlament Ewropew u lil-Kunsill, iżda wkoll lill-parlamenti nazzjonali l-oħrajn kollha;

(c) sabiex tipprovdi lill-parlamenti nazzjonali direttament b'lista ta' kull ġimgħa tad-dokumenti ġodda kollha li tippubblika.

2.4. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona, il-COSAC tinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex joħolqu mekkaniżmu li permezz tiegħu jgħarrfu lill-parlamenti nazzjonali meta l-aħħar traduzzjoni ta' proposta leġiżlattiva tiġi trasmessa lill-parlament nazzjonali rilevanti; u sabiex jindikaw id-data meta jiskadi l-perjodu ta' tmien ġimgħat biex tiġi ppreżentata reazzjoni għall-proposti. Il-COSAC tenfasizza li jkun ta' għajnuna jekk il-Kummissjoni tittrasmetti separatament mill-proposti l-oħra proposti li għalihom japplika l-mekkaniżmu ta' twissija bikrija.

2.5. Il-COSAC temmen li d-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali fir-rigward ta' proposti individwali għandu jissokta wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, billi l-iskambju ta' opinjonijiet dwar is-sustanzi tal-proposti bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni jġib valur miżjud sinjifikanti lit-trasparenza u l-leġittimità demokratika tal-proċess leġiżlattiv ta' l-UE.

3. **L-Istrateġija ta' Liżbona u l-Parlamenti Nazzjonali**

3.1. Il-COSAC tilqa' b'merħba l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008 fi Brussell. Hija tqis li ċ-ċiklu ġdid ta' tliet snin ta' l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi, u l-perjodu stabbilit u l-prinċipji adottati għall-pakkett ta' l-enerġija u l-bidla tal-klima, huma ta' importanza kbira għall-ħajja ekonomika u soċjali taċ-ċittadini ta' l-Ewropa.

3.2. Il-COSAC tinnota li l-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti fl-Istrateġija ta' Liżbona. F'dan ir-rigward, il-COSAC tinkoraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali biex jilagħbu rwol aktar attiv fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona.

3.3. Il-COSAC temmen li l-innovazzjoni u l-kreattività, kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs taċ-ċittadini ta' l-Ewropa huma fatturi ewlenin għat-tkabbir fil-ġejjieni. Bil-għan li tissodisfa l-ambizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, il-COSAC tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jinvestu aktar u b'mod aktar effettiv fl-innovazzjoni u r-riċerka bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira ta' 3 % ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp. Billi tieħu nota ta' l-istedina mill-Kunsill Ewropew lill-Istati Membri, il-COSAC titlob lill-parlamenti nazzjonali biex isegwu kif il-progress lejn il-miri ta' l-investiment nazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp jinkiseb permezz tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali.

3.4. Il-COSAC tagħmel enfasi fuq l-opportunitajiet li l-moviment ħieles ta' l-għarfien, magħruf bħala l-ħames libertà, jista' jipprovdi għall-ksib tal-miri ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona.

3.5. Il-COSAC tfakkar lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-importanza tas-settur tas-servizzi, fejn llum il-ġurnata qegħdin jinħolqu l-maġġoranza ta' impjiegi ġodda. Il-moviment ħieles tas-servizzi huwa ta' importanza kbira biex jinkiseb dan filwaqt li jiġi rikonoxxut li hemm differenzi fil-mudelli tas-swieq tax-xogħol nazzjonali ta' l-Istati Membri.

4. **Il-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja**

4.1. Il-COSAC tilqa' b'merħba l-adeżjoni ta' disa' Stati Membri fiż-Żona Schengen u qegħda tistenna li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu wkoll fiż-Żona Schengen meta jasal il-waqt skond l-iskeda miftiehma u adottata miż-żewġ pajjiżi. It-tkabbir taż-Żona Schengen huwa kisba kbira fl-appoġġ għall-moviment ħieles tal-persuni, waħda mill-erba' libertajiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

4.2. Fl-istess ħin, il-COSAC tenfasizza li l-iżvilupp u l-introduzzjoni tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' l-Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) tibqa' prioritá u trid tiġi stabbilita fil-waqt opportun u skond id-data ta' skadenza miftiehma ta' Settembru 2009.

4.3. Il-COSAC tagħti importanza konsiderevoli lill-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Balkani tal-Punent fil-qasam ta' l-affarijiet interni, peress li dan huwa wieħed mill-aktar oqsma prominenti tal-kooperazzjoni tagħhom. Din il-kooperazzjoni twassal għal sigurtà aħjar fir-reġjun ta' l-Istati Balkani tal-Punent u konsegwentement fl-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali.

4.4. Il-COSAC temmen li l-attivitajiet konġunti kurrenti ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Balkani tal-Punent fil-qasam ta' l-affarijiet interni, u primarjament fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ser jibnu kooperazzjoni fost il-forzi ta' l-infurzar tal-liġi fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent u jgħinu fit-traspożizzjoni ta' l-i*standards* tas-sigurtà ta' l-UE fiz-zona. Huma ser jipprovdu lill-Istati Balkani tal-Punent il-mezzi u eżempji ta' l-aqwa prattika li huma neċessarji biex iżidu l-impenn tagħhom fl-iżvilupp u t-tħaddim ta' tali mekkaniżmi tagħhom stess.

4.5. Il-COSAC tilqa' b'merħba l-ftuħ tad-djalogu tal-Kummissjoni Ewropea ma' l-Istati Balkani tal-Punent għal-liberalizzazzjoni ta' politika tal-visa u titlob lill-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u l-Istati Balkani tal-Punent biex jaraw li l-passi addizzjonali jittieħdu minn dawk kollha involuti fil-qasam.

5. **Il-Perspettiva Ewropea ta' l-Istati Balkani tal-Punent**

5.1. Il-COSAC tara l-futur ta' l-Istati Balkani tal-Punent kollha fl-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, hija tilqa' b'merħba l-isforzi ta' kull pajjiż biex jintlaħqu l-kriterji li jkunu ġew stabbiliti.

5.2. Kull pajjiż applikant irid jissodisfa l-kriterji biex jissieħeb fl-UE u l-COSAC temmen li l-viżjoni tar-rijunifikazzjoni ta' l-Ewropa ma tistax tiġi implimentata mingħajr l-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent, għalhekk l-UE trid tkompli bl-isforzi tagħha li tappoġġja l-Istati Balkani tal-Punent billi tgħinhom jilħqu l-kriterji tas-sħubija.

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

Il-25 ta' Lulju 2008

(2008/C 189/04)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,5734	TRY	Lira Turka	1,8966
JPY	Yen Ġappuniż	168,77	AUD	Dollaru Awstraljan	1,6438
DKK	Krona Daniża	7,4619	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5968
GBP	Lira Sterlina	0,78880	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	12,2698
SEK	Krona Żvediża	9,4610	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,1159
CHF	Frank Żvizzeru	1,6268	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,1407
ISK	Krona Iżlandiża	127,51	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 584,41
NOK	Krona Norveġiża	8,0815	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,9481
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,7275
CZK	Krona Ċeka	23,595	HRK	Kuna Kroata	7,2182
EEK	Krona Estona	15,6466	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 352,55
HUF	Forint Ungeriż	231,35	MYR	Ringgit Malażjan	5,1129
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	69,143
LVL	Lats Latvjan	0,7032	RUB	Rouble Russu	36,7435
PLN	Zloty Pollakk	3,2080	THB	Baht Tajlandiż	52,608
RON	Leu Rumen	3,5675	BRL	Real Brażiljan	2,4808
SKK	Krona Slovakka	30,385	MXN	Peso Messikan	15,7525

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 189/05)

Għajnuna Nru	XR 12/07
Stat Membru	L-Irlanda
Reġjun	Border Midlands and West Region, Southern and Eastern Region
It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc*	Regional Aid (Industry and Services) Scheme 2007-2013
Bażi legali	Industrial Development Acts 1986-2003; Údarás na Gaeltachta Act 1979; Shannon Free Airport Development Company Limited Act, 1959 as amended; Greyhound Industry Act, 1958
Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit annwali	EUR 85 miljun
Intensità massima ta' l-għajnuna	30 %
	Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data ta' l-implimentazzjoni	1.1.2007
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2013
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna	IDA Ireland, Wilton Park House, Wilton Place, Dublin 2 Tel. (353-1) 603 40 00, www.idaireland.com Enterprise Ireland, Glasnevin, Dublin 9 Tel. (353-1) 808 20 00, www.enterprise-ireland.com Údarás na Gaeltachta, Na Forbacha, Co na Gaillimhe Tel. (353-9) 150 31 00, www.udaras.ie Shannon Free Airport Development Company Limited, Shannon Town, Co Clare Tel. (353-6) 136 15 55, www.shannonireland.com Bord na gCon,104 Henry Street, Limerick, Co Limerick Tel. (353-6) 131 67 88, www.igb.ie
l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna	www.entemp.ie/enterprise/stateaid/ http://www.entemp.ie/enterprise/stateaid/regionalaidschemedescription.doc
Tagħrif ieħor	—

Għajnuna Nru	XR 144/07
Stat Membru	Is-Slovenja
Reġjun	Slovenija

It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc*	Regionalna shema državnih pomoči
Bażi legali	Uredba o dodeljevanju regionalnih državnih pomoči (Uradni list RS, št. 72/2006 in 70/2007)
Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit annwali	EUR 115,99 miljun
Intensità massima ta' l-għajnuna	30 %
	Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data ta' l-implimentazzjoni	4.8.2007
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2013
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna	Služba vlade RS za lokalno samoupravo in regionalno politiko, Kotnikova 28, SLO-1000 Ljubljana Tel. (386-1) 308 31 78 Fax (386-1) 478 36 19 E-mail: gp.svlr@gov.si
l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna	http://zakonodaja.gov.si/rpsi/r05/predpis_URED4165.html
Tagħrif ieħor	—

Għajnuna Nru	XR 49/08
Stat Membru	Il-Litwanja
Reġjun	87(3)(a)
It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc*	Pramoninių objektų teritorijų inžinerinių tinklų ir susisiekimo komunikacijų įrengimo projektų grupės aprašas
Bażi legali	2008 m. vasario 29 d. Lietuvos Respublikos ūkio ministro įsakymo Nr. 4-79 „Dėl Lietuvos Respublikos ūkio ministerijos programų lėšų, teikiamų projektų veiklai ir kapitalui formuoti, administravimo taisyklių patvirtinimo“ 21 priedas „Pramoninių objektų teritorijų inžinerinių tinklų ir susisiekimo komunikacijų įrengimo projektų grupės aprašas“
Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit annwali	LTL 10 miljun
Intensità massima ta' l-għajnuna	50 %
	Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data ta' l-implimentazzjoni	9.3.2008
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2013
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali
	—
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna	Lietuvos Respublikos ūkio ministerija Gedimino pr. 38/2, LT-01104 Vilnius
l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna	http://www3.lrs.lt/pls/inter3/dokpaieska.showdoc_l?p_id=315576 http://www3.lrs.lt/c-bin/getgr?C1=bin&c2=315576&c3=26330
Aktar informazzjoni	—

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

KUMMISSJONI

Avviż ta' l-iskadenza viċina ta' ċerti miżuri ta' kontrobilanċ fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' friex tas-sodda li joriġina mill-Indja

(2008/C 189/06)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-ħarsien minn importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni tavża li sakemm issir reviżjoni skond il-proċedura segwenti, il-miżuri ta' kontrobilanċ imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt ([1]).

2. **Il-Proċedura**

Produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikun fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tkun se twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza ta' sussidji u ta' ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi Komunitarji mbagħad jingħataw l-opportunità li jamplifikaw, jikkontestaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imfissra fit-talba għal reviżjoni.

3. **Limitu taż-żmien**

Produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (l-Unità H-1), J-79 4/23, B-1049 Brussell ([2]), wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skond l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97.

Il-prodott	Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Id-data ta' l-iskadenza
Friex tas-sodda (tip ta' qoton)	L-Indja	Dazju ta' kontrobilanċ	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 (ĠU L 12, 17.1.2004, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1840/2006 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 4)	18.1.2009

([1]) ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).
([2]) Fax (32-2) 295 65 05

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5229 — OMV/Lehman/Met/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 189/07)

1. Fil-15 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi OMV Power International GmbH ("OPI", l-Awstrija),) ikkontrollata minn OMV AG, Austria, Lehman ALI Inc. ("Lehman", l-Istati Uniti) li tappartjeni għal Lehman Brothers Group, u Met Group ("Met Group", it-Turkija) kkontrollata minn Dr. Celal Metin jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' Borasco Elektrik Üretim Sanayi ve Ticaret A.S. ("Borasco Elektrik", it-Turkija) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal OPI: l-iżvilupp ta' proġetti ta' impjanti ta' l-elettriku għall-gass u l-enerġija li tiġġedded,

— għal Lehman: servizzi finanzjarji,

— għal Met Group: servizzi ta' konsulenza ffukati fuq is-setturi ta' l-enerġija, it-telekomunikazzjoni u l-konsumatur,

— għal Borasco Elektrik: żvilupp u tħaddim ta' impjant ta' l-elettriku tal-gass fit-Turkija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru.(32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5229 — OMV/Lehman/Met/JV fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

GĦAJNUNA MILL-ISTAT — FRANZA

(L-Artikoli 87 sa 89 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea)

Avviż tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE — Irtirar ta' notifika

Għajnuna mill-Istat C 51/07 (ex N 530/07) — L-għajnuna ta' l-Aġenzija dwar l-Innovazzjoni Industrijali favur il-programm VHD

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 189/08)

Bid-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni, wara li nnutat li Franza rtirat in-notifika tagħha tad-29 ta' Novembru 2007, iddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE, miftuħa fir-rigward tal-miżura msemmija hawn fuq tat-13 ta' Novembru 2007.

ATTI OĦRAJN

KUMMISSJONI

Avviż dwar talba skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE — Estensjoni tad-data ta' l-għeluq

Talba minn Stat Membru

(2008/C 189/09)

Fid-19 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni rċeviet talba skond l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u dawk postali [1].

Din it-talba, mir-Repubblika tal-Polonja, tikkonċerna l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku f'dan il-pajjiż. It-talba kienet is-suġġett ta' pubblikazzjoni fil-ĠU C 134, 31.5.2008, p. 43. Il-perjodu inizjali jiskadi fil-20 ta' Awwissu 2008.

Minħabba li s-servizzi tal-Kummissjoni jeħtiġilhom jirċievu u jeżaminaw tagħrif supplimentari u skond id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(6), it-tielet sentenza, id-data ta' l-għeluq li l-Kummissjoni għandha sabiex tieħu deċiżjoni rigward din it-talba hi estiża b'xahar.

Il-perjodu għalhekk jiskadi fl-20 ta' Settembru 2008.

---

[1] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.